# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru, 2001**

**Numru**

**Avviz Nru. 1341/96 SM**

**Charles Micallef Swimming Pools Limited**

**vs**

**Charles Vassallo**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**L-Avviz Promotorju**

1. B'avviz fl-ismijiet premessi s-socjeta' attrici kienet intavolat l-avviz odjern fejn il-konvenut kien gie mitlub sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm621) liema

ammont jirrapprezenta bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' kimika mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u dana in konnessjoni ma' "swimming pool" tal-konvenut skond ma jirrizulta mill-anness Dokument u cioe' statement;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittri bonarji tat-3 ta' Ottubru, 1995 u ta' l-10 ta' April, 1996 u tas-17 ta' Settembru, 1996, t-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali kontra l-kovnenut.

**L-eccezzjonijiet tal-konvenut**

2. Il-konvenut eccepixxa illi, preliminarjament il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna ai termini ta' l-art. 2148 (a) u 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; illi fit-tieni lok fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta fil-konfront tal-konvenut peress illi x-xoghol u l-materjal mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici mhux tal-kwalita' pattwita; illi bla pregudizzju l-gudizzju mhux integru stante li l-mara tal-konvenut ma gietx iccitata f'dawn il-proceduri; b'rizerva ta' eccezzjonijiet ohra.

**Is-sentenza appellata**

3. B'sentenza tat-12 ta' Dicembru, 2000, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet it-talbiet tas-socjeta' attrici appellata u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-appell tal-konvenut**

4. Il-konvenut hass ruhu aggravat mis-sentenza msemmija u interpona appell minnha fuq l-aggravji segwenti:-

(i) Illi preliminarjament jidher car illi s-socjeta' attrici appellata qatt ma kkonfermat l-ammont ta' flus minnha pretiz f'din il-kawza. Inoltre jidher car illi filwaqt li fl-avviz intavolat mis-socjeta' attrici l-ammont li ntalab kien jirrapprezenta "kimika". Fil-fatt, fil-mori tal-kawza irrizulta li l-kimika kienet imhallsa u li fil-fatt l-ammont mitlub kien ghall-prezz ta' zebgha u xoghol li sar fuq is-"swimming pool" ta' l-esponent appellant. Jidher ghalhekk li s-sentenza moghtija minn l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u dana peress illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ntlaqghu ghal oggett mitlub fl-avviz meta mill-provi rrizulta mod iehor, ossia li l-ammont mitlub kien ghal oggetti ohra.

(ii) Illi t-tieni eccezzjoni ta' l-esponent appellant ghandha tintlaqa' u dana peress illi mill-provi rrizulta ampjament u minghajr ebda kontradizzjoni illi x-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici appellata kien wiehed hazin u mhux ta' kwalita' kif miftiehem bejn il-partijiet. Irrizulta wkoll illi dina l-kwistjoni tal-hlas kienet ilha sejra bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut, fejn rapprezentanti tas-socjeta' attrici sahansitra kienu lesti li jaqtghu parti sostanzjali mill-prezz sabiex jaghmlu tajjeb ghax-xoghol hazin li ghamlu huma stess.

Illi l-kwistjoni li l-Ewwel Qorti mhux il-forum idoneju sabiex jittratta dina l-eccezzjoni wkoll hija wahda, skond l-appellant, zbaljata. L-appellant ma huwiex qed jitlob xi danni minhabba x-xoghol hazin li sar mis-socjeta' attrici. Kien ikun f'dan il-kaz li allura l-esponent kellu jintavola azzjoni huwa, haga li ma ghamilx ghaliex, kif xehed huwa, is-socjeta' attrici dejjem tat il-kelma taghha li taghmel ix-xogholijiet rimedjali. F'dan l-avviz l-esponent appellant qieghed jivvanta illi b'eccezzjoni minnu moghtija jissottometti illi huwa ma ghandux ihallas l-ammont mitlub ghaliex, kif taf is-socjeta' attrici, ix-xoghol maghmul kien hazin. Illi l-esponent jissottometti wkoll li s-socjeta' appellata ma gabet ebda prova sabiex tikkontradixxi dawn il-fatti kif esposti mill-konvenut.

Ghaldaqstant il-konvenut appellant talab illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Dicembru, 2000, fl-ismijiet "Charles

Micallef Swimming Pools Limited vs. Charles Vassallo" fuq riferita, tigi minn dina l-Qorti revokata, imhassra u annullata u filwaqt li tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet moghtija minn l-esponent, konvenut appellant.

**Ir-risposta tas-socjeta' attrici appellata**

5. Is-socjeta' appellata wiegebet hekk:-

> "Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermat minn dina l-Qorti;
>
> Illi l-aggravji tal-konvenut appellat huma basikament tnejn u cioe' li t-talba ghall-hlas saret ghall-kimika meta fil-fatt kienet ghal xogholijiet u li l-ammont ma kienx dovut peress li allegatament sar xoghol hazin;
>
> Illi l-appellant donnu nesa li l-Qorti waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha a bazi tal-fatt illi huwa stess ghal diversi drabi u bil-gurament tieghu kkonferma illi huwa kien debitur tas-socjeta' attrici fl-amont indikat fl-avviz;
>
> Illi fuq din il-prova biss il-Qorti kellha bilfors tasal biex tilqa' t-talbiet attrici. Di piu' il-fatt illi l-ammont pretiz gie indikat bhala dovut ghall-kimika izda fil-fatt kien ghal xogholijiet huwa immaterjali ghat-talba u dana wkoll minhabba l-fatt li kien hemm l-ammissjoni;
>
> Illi dwar it-tieni aggravju l-konvenut messu, malli rinfaccjat bil-kawza odjerna, intavola kontro-talba jew kawza ad hoc sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu;
>
> Illi l-konvenut lanqas indenja ruhu jingungi lis-socjeta' attrici sabiex jipprova dak li huwa qed jallega u cioe' li kien hemm xi ftehim sabiex tissewwa l-allegata hsara jew li jitnaqqas l-ammont pretiz.

> Illi ghaldaqstant l-esponenti jitlob illi din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut".

**<u>Is-sentenza ta' din il-Qorti</u>**

6. L-ewwel aggravju ta' l-appellant konvenut huwa dak li s-socjeta' appellata naqset li tikkonferma l-ammont dovut u li l-ammont mitlub kien ghal oggett diga' mhallas u mhux kif intalab fl-att tac-citazzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, dana l-aggravju tal-konvenut seta' forsi jregi kemm-il darba l-konvenut ikkontesta bis-serjeta' <u>l-quantum</u> mitlub. Minflok, huwa <u>inter alia</u> xehed hekk ghad-domanda jekk l-ammont mitlub fl-att tac-citazzjoni jafx jekk ghandux jaghtih jew le (fol. 19):

> "<u>Naf li ghandi ntih imma x-xoghol ma sarx sewwa</u>" allura la ma sarx sewwa ma nahsibx li ghandi nhallsu".

Asserzjoni bhal din twaqqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u fl-istess waqt ixxejjen ghal kollox l-ewwel aggravju ta' l-appellant kif dedott.

L-appellant, fit-tieni aggravju, jissottometti li huwa pprova li x-xoghol sar hazin. Dak li invece jirrizulta mill-provi hu biss li l-appellant allega li parti mix-xoghol sar hazin, pero' li fl-istess waqt huwa hallas lill-appellat

nomine akkont fi flus (LM500) lill-attur nomine, <u>ma hax</u> passi gudizzjarji biex jikkontrobatti l-pretensjoni attrici, ghalkemm xehed ukoll li kien baqa' mal-kontroparti li din kellha tirriducilu l-ammont dovut b'erba' mitt lira (Lm400). Fl-istess waqt li l-appellant jghid li hu hallas akkont tax-xoghol minkejja li rriskontra problemi dwar ix-xoghol u jkompli hekk (fol 30):

'Jiena fdajtu (i.e. lill-appellat) u qalli li ser jirranga…….. <u>Nikkonferma illi l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut"</u>.

Din il-Qorti kienet tippretendi li, fin-nuqqas li jagixxi <u>marte proprio</u> kontra s-socjeta' appellata, lanqas li kien tenut li jaghmel il-konvenut huwa li jintavola kontro-talba. <u>Minn dan kollu l-appellant ma ghamel xejn</u>. Jghid li l-ammont dovut tassew ma hallsux, jallega li x-xoghol ma sarx kif suppost pero' ghazel jibqa' ghal kollox inert. Dan l-arlogg huwa zbaljat u jimporta l-konsegwenzi kif jirrizultaw mis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi li kieku dak li gie sottomess mill-appellant fl-ahhar paragrafu ta' l-aggravju tieghu huwa minnu, allura kien messu ta' lanqas eccepixxa l-intempestivita' ta' l-azzjoni attrici u mhux il-preskrizzjoni! Is-socjeta' attrici ma kellhiex ghalfejn tikkontradici xejn, kif jissottometti l-appellant, ghax l-agir tieghu kien wiehed li qieghed jammetti l-kont dovut u li ma

kienx lest jiehu passi jekk tassew kellu xi lmenti fondati. Illi fi kliem iehor, l-agir tal-konvenut kien wiehed konfuzzjonarju ghall-ahhar. Jghid li l-ammont mhux dovut pero' hallas parti minnu, jghid li x-xoghol sar hazin u ma jiehux passi meta l-parti li ghamlitu talbitu biex ihallas tieghu, jghid li lahaq ftehim mal-kontroparti minghajr ma jeccepixxi xejn dwar l-intempestivita' ta' l-azzjoni, u minflok, jeccepixxi l-preskrizzjoni.

Bi ftit attenzjoni, din il-Qorti ma teskludix il-possibilita' li l-andament tal-kawza seta' gie stradat mod iehor b'ezitu possibilment divers minn kif deciz, imma l-mod kif il-konvenut kkonduca d-difiza tieghu kienet wahda insodisfacenti u timplika ammissjoni ta' l-ammont kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mm